# LECTIO DIVINA

# 3 ĦADD TAR-RANDAN (SENA A)

**Ġw 4:5-42**

**Il-Kuntest:**

Ir-rakkont hu introdott bil-vers 4, fejn insibu li Ġesù “kellu jgħaddi mis-Samarija”. Dan il-“kien meħtieġ” għandu valur teoloġiku profond, f’rabta ma’ Kristu merfugħ fuq is-salib (ara Ġw 3:14.30; 9:4; 10:16; 12:34; 20:9). Jeħtieġ li Kristu u l-Knisja jgħaddu minn art is-“Samaritani” biex iħabbu mill-ġdid il-bnedmin ma’ Alla (ara Kol 1:12ss). L-għatx li għandu Ġesù, u li jerġa’ joħroġ b’qawwa fir-rakkont tal-Passjoni (Ġw 19:28), hu li jwassal l-imħabba ta’ Alla lill-bnedmin. Permezz ta’ Ġesù, l-għarus li jagħti l-inbid il-ġdid u l-ilma tal-ħajja ta’ dejjem, u bid-don tal-Ispirtufil-magħmudija (ara Ġw 7:37-39), issa jseħħ tassew il-patt definittiv ta’ mħabba bejn Alla u l-umanità, imfisser bosta drabi b’lingwaġġ matrimonjali fl-AT. Jekk id-diskors ma’ Nikodemu hu sinjal tal-poplu ta’ Iżrael lil jfittex lil Ġesù, id-djalogu mas-Samaritana jesprimi x-xewqa tal-umanità kollha li tixrob mill-għajn tal-ħajja. Tal-ewwel jenfasizza d-dimensjoni konjittiva; tat-tieni, id-dimensjoni affettiva. Fil-pedagoġija ta’ dan ir-rakkont, ix-xewqat u x-xenqat l-aktar profondi tal-bniedem isiru triq għal Alla, u fl-istess waqt metodoloġija ta’ evanġelizzazzjoni għad-dixxipli tal-Mulej.

**5Ġesù ġie f’belt tas-Samarija, jisimha Sikar, qrib il-biċċa art li Ġakobb kien ta lil ibnu Ġużeppi,**

Minkejja li seta’ jgħaddi minn triq oħrafi triqtu lejn Ġerusalemm, Ġesù ma jiddejjaqx jidħol fost is-Samaritani, meqjusa mil-Lhud bħala misħuta/eretiċi. Lil Ġesù nnifsu jgħajruh li hu Samaritan (ara Ġw 8:48)! Ġesù jipproponi l-figura ta’ Samaritan bħala l-mudell tal-imħabba tal-proxxmu (Lq 10:29ss). Il-libertà u l-ekwilibriju interjuri li għandu Ġesù huma tali li kapaċi jmur lil hemm minn drawwiet li joħolqu firda u barrieri għall-imħabba ta’ Alla, għax l-imħabba ta’ Alla trid tasal anke fl-“art infidila u idolatra” tas-Samarija tal-lum. Bl-imħabba awtentika tiegħu, Ġesù jaħfer l-imħabbiet adulteri u idolatri tagħna, u jġedded il-patt ta’ fedeltà ta’ dawk kollha li jemmnu fih.

Sikar probabilment hi riferiment għal Sikem, belt b'ħafna allużjonijiet għall-istorja primordjali tal-Poplu ta' Alla. Hi marbuta ma' Abraham, l-ewwel "art tal-wegħda" li fiha għammar (ara Ġen 12:6s). Hi wkoll il-belt ta' Ġakobb, mogħtija b'don lil Ġużepp, l-iben maħbub, fejn l-għadam tiegħu ġie midfun (Ġoż 24:32), u l-post fejn ġie mġedded il-patt wara l-ħruġ mill-Eġittu u l-wasla fl-art imwiegħda (Ġoż 24:14-28). Hu post ta' memorja salvifika. F'dan l-istess post, permezz ta' Ġesù, tintrebaħ il-firda u sseħħ l-għaqda mill-ġdid tal-poplu ta' Alla.

**[6]fejn kien hemm ukoll il-bir ta' Ġakobb.**

Element ċentrali f'dan ir-rakkont hu l-ilma. L-ilma hu sinonimu mal-ħajja. Is-simboliżmu tal-ilma hu preżenti ħafna fil-Vanġelu ta' Ġwanni: l-ilma tal-magħmudija tal-Battista (Ġw 1); l-ilma tat-tisfija li jsir l-inbid il-ġdid (Ġw 2); l-ilma tat-twelid il-ġdid fil-magħmudija tad-dixxipli (Ġw 3); l-ilma li jaqta' l-għatx u li jwassal għall-ħajja ta' dejjem (Ġw 4); l-ilma tal-fejqan tal-magħtub li jikseb saħħtu lura (Ġw 5); u x-xmajjar tal-ilma ħaj ta' dawk imfawra bl-Ispirtu (Ġw 7). L-ilma jerġa' jsir protagonista fil-ġrajja tal-Passjoni, meta joħroġ mill-kustat miftuħ, id-don tal-Ispirtu li Ġesù jonfoħ fuq id-dixxipli fil-qawmien. Is-simboliżmu tal-ilma għandu l-għeruq tiegħu fit-tradizzjoni tal-AT, fejn hi ppreżentata r-realtà mistika tal-ilma bħala simbolu tal-azzjoni tal-ispirtu ta' Alla li jagħti l-ħajja (ara Ġer 2:13; Is 12:3; 49:10; 55:1; Eżek 47:1-3).

Il-laqgħa sseħħ ħdejn il-bir, f'ħin mhux tas-soltu, f'mument ta' solitudni bejn Ġesù u dik il-mara. Il-bir bibliku hu post simboliku fejn isseħħ laqgħa ta' mħabba bejn namrati (Ġen 24:10ss – Iżakk u Rebekka; 29:1ss – Ġakobb u Rakel; Eż 2:15ss – Mosè u wlied Ġetru). Kważi kważi, Ġesù jrid "jisraq" l-imħabba ta' dik il-mara li, minkejja l-ħafna mħabbiet, għadha mhix maħbuba. Hekk ir-rakkont jesprimi relazzjoni ta' namrar, fejn (mill-ġdid wara r-rakkont ta' Kana) Ġesù jsir l-Għarus il-veru li jipproponi ż-żwieġ mistiku lill-maħbuba tiegħu, u (fil-magħmudija) jagħmilha fekonda bl-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li "jagħti l-ħajja" (ara Ġw 6:63; 7:38-39). Kif b'mod allegoriku Ġesù jxebbah lilu nnifsu mal-bieb, mar-ragħaj, mat-tempju..., hawn Ġesù jsir l-bir mimli ta' ilma ħaj – dak il-bir mhux imħaffer mill-bnedmin imma mogħti b'don lil min hu pellegrin (ara Dewt 6:10-11) – u l-ilma li jaqta' l-għatx (1 Kor 10:4).

Fit-tradizzjoni biblika, il-bir bl-ilma jirrappreżenta wkoll il-Liġi, għajn tnixxi l-għerf u l-ħajja. Mit-Tempju ta' Sijon toħroġ għajn li tagħti l-ħajja (ara Żak 14:8; Eżek 47:1-12; Apok 22:1s). Hu wkoll il-bir ta' qalb il-mara, li dejjem tipprova ttella' l-ilma minnha, bla qatt ma taqta' l-għatx.

**Kien għall-ħabta tas-sitt siegħa, u Ġesù, għajjien kif kien mill-mixi, qagħad bilqiegħda ħdejn il-bir.**

Ġesù hu għajjien – l-uniku test fit-TĠ li jirreferi għall-għejja fiżika ta' Ġesù. Ġesù ma jidħolx bi vjolenza fuq il-bniedem, imma bl-umanità tiegħu mimlija dgħufija (antiċipazzjoni tas-Salib), li tidher ukoll fid-dgħufija ta' dawk maħtura minnu biex ikomplu jaqtgħu l-għatx tal-bnedmin f'ismu.

- *"The omnipotence of Love always respects human freedom; it knocks at the door of man's heart and waits patiently for his answer." (Benedict, Angelus, 27 March 2001)* (Ara Apok 3:20)

F'San Pawl niltaqgħu mal-għejja (*kopiàn*) marbuta mal-ministeru appostoliku (ara Rum 16:6.12; 1 Kor 4:12). Ġesù jsir il-prototip tal-missjunarju li jingħata kollu kemm hu għas-servizz tax-xandir tal-Vanġelu.

Il-ħin ta' nofsinhar (is-6 siegħa), fejn Ġesù se jiġi rivelat bħala s-salvatur tad-dinja, għandu rabta mal-istess ħin li fih Pilatu jistqarr lil Ġesù bħala re tal-Lhud (Ġw 19:14). Hekk tkompli tissaħħaħ ir-rabta ta' dan ir-rakkont mal-Passjoni. Ġesù hu l-Għarus-pellegrin li jfittex il-maħbuba tiegħu. Jekk id-dikjarazzjoni ta' mħabba ssir ħdejn il-bir, l-imħabba tiġi kkunsmata fuq is-salib! Dan ir-rakkont, bħar-rakkont ta' Kana, isir tħabbbira tas-"siegħa" ta' Ġesù.

**7U ġiet mara mis-Samarija timla l-ilma. Ġesù qalilha:"Agħtini nixrob". 8Id-dixxipli tiegħu kienu marru l-belt jixtru x'jieklu. 9Il-mara mis-Samarija qaltlu: "Kif! Inti Lhudi u titlob lili, Samaritana, biex nagħtik tixrob?". Qaltlu hekk għax il-Lhud ma jitħalltux mas-Samaritani.**

Il-mara tirrappreżenta mhux biss lilha nfisha iżda lis-Samaritani kollha. Hi ssir simbolu ta' kull min jitbiegħed mill-għajn tal-ilma ġieri u jfittex ilma fi bjar miksura (ara Ġer 2:13), imma wkoll rappreżentanta ta' kull min ifittex f'Ġesù l-ilma li jnixxi għall-ħajja ta' dejjem.

L-azzjoni-kmand ta' Ġesù – "agħtini nixrob" – tfakkar fil-ġrajja ta' Mosè jfittex il-mistrieħ (ara Eż 2:15ss). Hi azzjoni mhix tas-soltu: raġel, anzi rabbi, li fil-pubbliku jitlob lil mara, meqjusa ta' livell aktar baxx, biex tagħtih jixrob. Kienet azzjoni kuntrarja għat-tradizzjoni Lhudija (Rabbi Eleazaro: *Ikun aħjar li l-liġi tinħaraq milli tingħata f'idejn mara*). Imma l-azzjoni ta' Ġesù, 'il barra mill-belt (fid-"deżert"), se treġġa' lill-mara mill-istat tagħha ta' mhux-maħbuba (għax ipprostitwiet ruħha mal-idoli) għall-istat ta' maħbuba mill-ġdid (ara Ħos 2:16-25: Is 62:1ss). L-għatx ta' Ġesù jesprimi l-għatx ta' Alla għall-bnedmin, dak l-għatx li jibqa' sal-aħħar, sa fuq is-salib (ara Ġw 19:28s). Jinqata' biss meta l-bnedmin jixorbu mill-ilma tal-ħajja, ħiereġ mill-kustat ta' Kristu (ara Ġw 19:34).

- Dan l-għatx tal-mara jesprimi wkoll l-għatx ta' kull bniedem. Liema hu l-għatx li għandi bħalissa? Liema huma l-bżonnijiet l-aktar urġenti li nixtieq nissodisfa?

**[10]Ġesù weġibha: "Kieku kont taf id-don ta' Alla u min hu dak li qiegħed jgħidlek: "Agħtini nixrob," kieku int kont titolbu, u hu kien jagħtik ilma ħaj".**

Bi struttura kjażmika – fejn l-espressjoni ċentrali hi "agħtini nixrob" – u b'lingwaġġ 'misterjuż', tipiku tal-lingwaġġ ta' rivelazzjoni f'San Ġwann (bħad-djalogu ma' Nikodemu dwar it-twelid ġdid, l-allegorija tar-Ragħaj it-Tajjeb, u l-waqgħa tat-tempju), Ġesù jirrivela lilu nnifsu ftit ftit imma b'mod aktar profond lill-mara. Il-qofol tal-messaġġ hu marbut mal-"ilma ħaj", id-DON ta' Alla, u s-sejħa biex wieħed jidħol f'dan il-misteru rivelat, li hu essenzjalment misteru ta' mħabba, kif l-espressjoni biblika "tagħraf" ("kieku taf" – v. 10) timplika. Min jilqa' lil Ġesù, id-don ta' Alla u l-għarus tal-umanità, jitwaħħad ma' Alla fl-imħabba.

- "Kieku kont taf id-don ta' Alla": Kemm naħseb li naf lil Ġesù? Kemm għandi għatx għalih biex insir "nafu" iżjed fil-fond?

**[11]Qaltlu l-mara: "Sinjur, mnejn se ġġib l-ilma ħaj jekk anqas biex timla ma għandek u l-bir huwa fond? [12]Jaqaw int aqwa minn missierna Ġakobb li tana dan il-bir, li minnu xorob hu u wliedu u l-imrieħel tiegħu?". [13]Weġibha Ġesù: "Kull min jixrob minn dan l-ilma jerġa' jagħtih l-għatx; [14]imma min jixrob mill-ilma li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun bil-għatx. L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn tal-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem". [15]Qaltlu l-mara: "Agħtini dan l-ilma, Sinjur, biex ma jaqbadnix l-għatx, u anqas ma noqgħod ġejja u sejra hawn nimla l-ilma".**

Hawn il-mara tasal biex tinsa l-ilma tal-bir u titlob l-ilma ġdid li saflaħħar jaqta' l-għatx tagħha. Issa d-don isir riferiment għall-Ispirtu s-Santu, l-Imħabba bejn il-Missier u l-Iben, li jirċievu dawk li jitwieldu "mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu" (Ġw 3:5; ara Ġw 7:37-39; Rum 5:5). Aħna mistednin nixorbu mill-għajn tal-ilma tal-ħajja (Is 55:1-3; Is 12:3); mistednin biex nixxennqu għal Alla (ara Salm 63:2).

Imma l-laqgħa ma' Ġesù mhix waħda mingħajr diffikultajiet, bħalma hi kull relazzjoni ta' mħabba. Xi drabi nistaqsu jekk il-Mulej jistax iwieġeb għall-aspettattivi u x-xewqat tagħna, jekk jistax jagħtina dak li fil-fond nixxennqu għalih. U biex naqtgħu dan l-għatx, kapaċi nħaffru bjar dejjem ġodda jew spejjer aktar fondi li jagħtuna ilma mielaħ. Jeħtieġ naċċettaw li aħna ma nistgħux nissodisfaw lilna nfusna, imma rridu niftħu qalbna għal Xiħadd 'l barra minna nfusna... biex nilqgħu fina d-Don li jiġi mogħti lilna.

- Dun Mikiel Attard: “We can live without sex, but we cannot live withour love.” Hemm imħabbiet li nfittxuhom aħna, li ma jissodisfawniex għax jerġa’ jaqbadna l-għatx tagħhom; hemm l-Imħabba li hi don gratuwitu ġej “minn fuq” (Ġw 3: 31ss), li aħna rridu nitgħallmu nfittxu u nilqgħu. Insibuha biss jekk immorru ħdejn il-Bir biex nixorbu mill-ilma tal-ħajja.

**16Qalilha Ġesù: “Mur sejjaħ lil żewġek u erġa’ ejja hawn”. 17Weġbitu l-mara: “Ma għandix żewġi”. Qalilha Ġesù: “Sewwa għedt: “Ma għandix żewġi”. 18Inti żżewwiġt ħames darbiet, u r-raġel li għandek miegħek bħalissa mhuwiex żewġek. Sewwa weġibt!”. 19Qaltlu l-mara: “Int profeta, Sinjur, milli qiegħda nara.**

Id-djalogu jieħu nota aktar personali: mill-ilma tal-bir, Ġesù jgħaddi għall-ħajja privata tal-mara. Ġesù jrid iwassal lill-mara tħares lejh bħala l-Għarus mixtieq, li jimla tassew il-qalb tagħha bl-imħabba.

Għall-Profeti, l-infedeltà tal-poplu ta’ Iżrael kienet spiss imfissra bil-lingwaġġ tal-idolatrija jew tal-adulterju (ara Ħos 1:2; 3:1; Eżek 16). F’kuntest ta’ sinkretiżmu reliġjuż, il-ħamest irġiel jistgħu jirreferu għall-ħames idoli li jirrappreżentaw il-ħames popli li r-re tal-Assirja kien ġab fl-art tas-Samarija wara l-waqgħa tas-Saltna ta’ Fuq (ara 2 Slat 17:30-31). Magħhom kienet meqjuma is-sitt divinità (tal-post), il-Mulej ta’ Iżrael (v.34).

It-tradizzjoni rabbinika kienet tippermetti li mara, li jmutilha r-raġel, tiżżewweġ anke sat-tielet darba. Jekk tiżżewweġ ħames darbiet, minkejja l-leġittimità legali, għal-Lhud dan kien meqjus dnub. Is-sitt żwieġ kien meqjus adulterju! Mill-banda l-oħra, il-mara ma kelliex dritt għad-divorzju bħar-raġel. Nilmħu żewġ sitwazzjonijiet konkreti fil-ħajja ta’ din il-mara: jew hi mara li għall-imħabba daret minn raġel għal ieħor – u allura pprostitwixxiet ruħha, jew hi mara li ġiet abbandunata u mkeċċija bosta drabi minn żwieġha – u allura hi mara msejkna u abbużata.

Minkejja dawn is-sitt irġiel, il-mara ma setgħetx issib l-imħabba. Hu f’Ġesù, is-seba’ raġel, dak li hu bilqiegħda fuq il-bir, il-Profeta li hu l-istess Kelma li taqta’ l-għatx, li fih isseħħ l-imħabba sħiħa. Ġesù hu l-għarus li wasal (ara Ġw 2:10ss; 3:29; Mt 9:14-15; Mk 2:19-20; Lq 5:34-35; Mt 25:1-13; 2 Kor 11:2; Apok 19:7...). Din il-mara, li fittxet l-imħabba ħajjitha kollha bla ma sabitha, issa ssibha fil-milja tagħha fi Kristu r-rabta intimità ma’ Alla. Hekk, f’Ġesù sseħħ l-għaqda konjugali ta’ mħabba mħabbra mill-Profeti (Ħos 2:21-22; Is 62:5; 54:5) u fl-Għanja tal-Għanjiet.

**[20]Missirijietna kienu jaduraw lil Alla fuq din il-muntanja; imma intom tgħidu li l-post fejn wieħed għandu jadura lil Alla jinsab f'Ġerusalemm". [21]Qalilha Ġesù: "Emminni, mara, jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja taduraw lill-Missier, anqas f'Ġerusalemm. [22]Intom taduraw lil dak li ma tafux; aħna naduraw lil dak li nafu, għax is-salvazzjoni ġejja mil-Lhud. [23]Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u fil-verità. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh. [24]Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u fil-verità".**

L-istqarrija li Ġesù hu profeta tintroduċi s-silta dwar il-qima vera lil Alla. Wara li stqarritu profeta, il-mara issa hi msejħa biex tinżel aktar fil-fond tar-relazzjoni tagħha ma' Ġesù, u tagħraf li f'Ġesù biss tingħata l-qima lil Alla "fl-ispirtu u fil-verità", permezz tal-istess Spirtu, għajn tal-ilma ħaj (Ġw 7:39), li jagħmilna wlied (ara Rum 8:15-16; Gal 4:6-7). L-istedina għall-fidi hi fl-imperattiv (v.21: "Emminni, mara"), kif li spiss insibu fil-Vanġelu ta' Ġwanni (ara Ġw 12:36; 14:1...). Fis-"siegħa" li fiha Ġesù jiġi gglorifikat (il-passjoni, mewt u qawmien) isseħħ ir-rivelazzjoni sħiħa ta' Ġesù.
Fl-umanità glorjuża u divina tiegħu, meta jkun merfugħ 'il fuq biex jiġbed il-bnedmin kollha lejh (Ġw 3:16; 12:32), Ġesù jsir is-santwarju uniku tal-preżenza ta' Alla fost il-bnedmin (Ġw 2:19-22; Mt 2:16), u l-medjatur waħdieni bejn il-bniedem u Alla (1 Tim 2:5; Lhud 9:15; 12:24). Wara li s-Samaritani ma tħallewx jieħdu sehem fil-bini tat-Tempju ta' Ġerusalemm, minħabba l-firda bejniethom u l-Lhud (ara Esd 4:1-3), issa f'Ġesù jaqa' kull ħajt ta' firda bejn il-bnedmin, għax ilkoll ulied l-istess Missier (ara Ef 2:14). Dan seħħ meta Ġesù waqqaf il-konfront bejn "aħna" u "intom" (v.22), għax għamel lil kulħadd aħwa, ulied l-istess Missier.
F'dawn il-versi (20-24), il-verb tadura hu msemmi 10 darbiet! Bil-Latin, tadura tfisser tressaq lejn xofftejk u tbus (*ad-oratio*). Hekk il-qima ssir fuq kollox azzjoni ta' mħabba intima bejn tnejn li jinnamraw flimkien u jingħaqdu ħaġa waħda. Il-kult veru hu mmarkat b'linġwaġġ ta' mħabba. Jekk Ġesù hu l-għarus, il-mara Samaritana– imsejħa "mara" f'dan ir-rakkont 13-il darba –, issir l-għarusa. Tfakkarna fil-"mara" ta' Kana (Ġw 2:4) u tal-Kalvarju (19:26) – żewġ testi wkoll marbutin mas-"siegħa" tal-manifestazzjoni tal-imħabba –, kif ukoll fl-adultera maħfura (Ġw 8:10) u fil-Maddalena tfittex lill-maħbub irxuxtat (Ġw 20:13.15). Dan juri għal liema livell ta' relazzjoni profonda u intima Ġesù qiegħed jistieden lis-Samaritana u lil kull min irid jadurah tassew.

**[25]Qaltlu l-mara: "Jiena naf li ġej il-Messija – dak li jgħidulu Kristu. Meta jiġi hu, kollox iħabbrilna". [26]Qalilha Ġesù: "Jiena hu, li qiegħed nitkellem miegħek". [27]Fil-ħin ġew id-dixxipli tiegħu, u stagħġbu jarawh jitkellem ma' mara; iżda ħadd minnhom ma staqsieh: "Xi trid?" jew: "Għax qiegħed titkellem magħha?". [28]Il-mara ħalliet il-ġarra hemmhekk, reġgħet daħlet il-belt u qalet lin-nies: [29]"Ejjew araw bniedem li qalli kull ma għamilt. Tgħid, dan il-Messija?". [30]U n-nies ħarġu mill-belt u ġew ħdejh.**

Quddiem il-qalb miftuħa biex tilqa' d-"don" tal-Messija, ir-rivelazzjoni ta' Ġesù lill-mara "barranija" tilħaq il-qofol tagħha meta Ġesù jistqarr (għall-ewwel darba fi Ġwanni) li hu l-Messija divin ("Jiena hu" – v.26), dak li kien imwiegħed u mħabbar fil-Kotba Mqaddsa. Ġesù hu Alla li juri lilu nnifsu u jitkellem mal-qalb li trid tħobb (*cor ad cor loquitur* – Santu Wistin).

It-trasformazzjoni li sseħħ fil-mara li ltaqgħet ma' Ġesù hi riflessa f'żewġ azzjonijiet: terħi minn idejha l-ġarra vojta, simbolu tal-liġi l-antika u r-rabta neċessarja mal-ħtieġa tal-ilma materjali (issa sabet l-ilma "li jaqta' l-għatx"), u, bħall-"mara" l-oħra li ltaqgħet mal-Irxoxt, tmur tiġri xxandar li l-Messija li jagħti l-ħajja hu ħaj (ara Ġw 20:18), waqt li tistieden biex l-oħrajn bħalha jitfgħu l-ħarsa tagħhom fuq il-bniedem Ġesù: "ejjew araw bniedem" (*ecce homo* – Ġw 19:5).

- "Qalli kull ma għamilt" (v.29): Min mhux fil-verità ma jistax iħobb, għax l-ingann ma jisseħibx mal-imħabba (ara Ef 4:25; 1 Ġw 2:4; 3:14; 4:18.20). Neħtieġu l-ħelsien permezz tal-verità dwarna nfusna (ara Ġw 8:32) biex inkunu nistgħu nħobbu tassew. Kemm inħalli l-verità tibdilni?
- "U n-nies ħarġu mill-belt u ġew ħdejh" (v.30): Bħall-għarusa fl-Għanja tal-Għanjiet, kemm u fejn qed infittex lil Dak li "qalbi tħobb"? (Għan 1:7; 3:1s)

**[31]Sadattant id-dixxipli bdew jitolbuh u jgħidulu: "Rabbi, kul!". [32]Iżda hu qalilhom: "Jien għandi ikel x'niekol li intom ma tafux bih". [33]Id-dixxipli għalhekk bdew jistaqsu lil xulxin: "Jaqaw ġie xi ħadd u ġieblu x'jiekol?". [34]Qalilhom Ġesù: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu.**

Jekk il-mara hi bil-għatx, id-dixxipli huma bil-ġuħ. Għalhekk qabel kienu marru jixtru x'jieklu (v.8). Ir-relazzjoni bejn il-ġuħ u "il-ħobż mis-sema" li jaqta' l-ġuħ, Ġwanni jiżviluppaha aktar tard fil-kapitlu 6.

Anke d-dixxipli jeħtieġ li jinżlu aktar fil-fond biex jagħrfu min hu tassew Ġesù (Ġw 6:26.48-51) u jwettqu r-rieda tiegħu. Ir-rieda tal-Missier hi li l-bnedmin kollha jsalvaw u jagħrfu l-"Verità" (ara 1 Tim 2:4). Dan iseħħ meta Ġesù "iwassal fit-tmiem l-opra tiegħu" (v.34),

jiġiferi meta jingħata fuq is-Salib (Ġw 19:30). B'dal-mod, is-seba' raġel (Ġesù l-għarus) iwassal fit-tmiem l-opra tal-ħolqien billi jonfoħ fuq l-umanità kollha, f'azzjoni ta' ħolqien ġdid, l-Ispirtu tal-imħabba tal-Missier (ara Ġw 19:30). Jekk id-dixxipli jridu jagħmlu r-rieda tal-Missier, bħal Ġesù iridu "jingħataw b'imħabba" billi jkunu messaġġiera tal-għatx ta' mħabba (ara Ġw 19:28) li hu għandu għall-bnedmin.

- Kif inħares lejn il-ministeri pastorali li għandi bħala xhieda tal-imħabba ta' Kristu għall-bnedmin?

**35Intom ma tgħidux li baqa' erba' xhur oħra għall-ħsad? Imma araw x'ngħidilkom jien: erfgħu għajnejkom u ħarsu ftit kif l-għelieqi bjadu għall-ħsad! 36Ġa l-ħassad qiegħed jieħu ħlasu u jiġbor il-frott għall-ħajja ta' dejjem, biex min jiżra' jifraħ hu wkoll bħal min jaħsad. 37F'dan taraw kemm sewwa jingħad li wieħed jiżra' u l-ieħor jaħsad. 38Jiena bgħattkom taħsdu dak li ma tħabattux għalih intom; kienu oħrajn li tħabtu, u intom dħaltu flokhom biex tgawdu l-frott tat-taħbit tagħhom".**

Mill-ikel Ġesù jgħaddi għall-qamħ li minnu jsir il-ħobż. Hu diskors marbut mal-ħidma appostolika u missjunarja. Dan id-djalogu jfakkarna fil-parabboli taż-żerriegħa u taż-żerriegħ, u fil-ħabba tal-qamħ li trid tmut biex tagħti l-frott. Il-ħsad ifisser il-ġudizzju ta' Alla. Hawn jirreferi għall-ferħ tal-ħassad li, wara x-xogħol biex jiżra' l-kelma, issa qed jiġbor il-frott tagħha. Hu l-ferħ tal-Knisja meta tara l-Vanġelu jixtered fost il-ġnus; hu l-ferħ ta' Ġesù nnifsu meta jara l-bniedem jilqa' l-Aħbar it-Tajba (ara Lq 10:17.21; Ġw 8:56). Imma qabel, hemm it-taħbit taż-żrigħ (ara 2 Kor 9:6; Gal 6:8).

- Dun Mikiel Attard: "There is no redemption without blood."

**39Kien hemm ħafna Samaritani minn dik il-belt li emmnu f'Ġesù fuq ix-xhieda li tathom dik il-mara meta qaltilhom: "Qalli kull ma għamilt", 40tant, li meta s-Samaritani ġew ħdejh, bdew jitolbuh biex jibqa' magħhom, u hu qagħad hemm jumejn. 41Imbagħad ħafna oħrajn emmnu minħabba kliemu, 42u lill-mara qalulha: "Issa mhux għax għedtilna int qegħdin nemmnu, imma għax aħna wkoll smajnieh, u sirna nafu li dan tassew hu s-salvatur tad-dinja".**

Il-fidi tas-Samaritani f'Ġesù l-Messija "salvatur tad-dinja", li waslu għaliha permezz tax-xhieda u tax-xandir tal-"Vanġelu", hi l-qofol ta' dan id-djalogu. Huma, l-eretiċi u l-misħutin, huma l-ewwel frott tal-missjoni... "għax tal-ewwel jiġu l-aħħar u tal-aħħar l-ewwel" (Mt 19:30; 20:16; Mk 10:31). Il-Mulej "li jagħraf il-qlub" (Atti 15:8) ma jkejjilx bħalna (ara Is 55:8ss)!

It-test jagħmel aċċenn għall-verb "jibqa'", li tant hu għażiż għal San Ġwann. Hu l-verb tal-inabitazzjoni ta' Alla mal-bnedmin u tad-dixxipli fi Kristu (ara Ġw 15:4ss; 1:38ss). Hu l-verb tal-ħajja, tal-qawmien (ara Ħos 6:2). Aħna msejħin nidħlu fi proċess kontinwu biex "inkunu miegħu" u "nintbagħtu" (ara Mk 3:14). Il-fidi f'Ġesù tixtered permezz tax-xhieda ħajja ta' min iltaqa' ma' Ġesù u ħallieh jibdillu ħajtu permezz tal-imħabba. Hu dan li jagħmel minna missjunarji awtentiċi.

*The theme of thirst runs throughout John's Gospel from the meeting with the Samaritan woman to the great prophecy during the feast of Tabernacles (Jn 7:37-38), even to the Cross, when Jesus, before he dies, said to fulfil the Scriptures: "I thirst" (Jn 19:28). Christ's thirst is an entrance to the mystery of God, who became thirsty to satisfy our thirst, just as he became poor to make us rich (cf. 2 Cor 8:9). Yes, God thirsts for our faith and our love. As a good and merciful father, he wants our total, possible good, and this good is what he seeks. The Samaritan woman, on the other hand, represents the existential dissatisfaction of one who does not find what he seeks. She had "five husbands" and now she lives with another man; her going to and from the well to draw water expresses a repetitive and resigned life. However,* ***everything changes for her that day, thanks to the conversation with the Lord Jesus****, who upsets her to the point that she leaves the pitcher of water and runs to tell the villagers: "Come, see a man who told me all that I ever did. Can this be the Christ?" (Jn 4:29) (Benedict XVI, Angelus, 24 February 2008).*